MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI

# (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## NEVILLE CAMILLERI

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2014

Numru. 90/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs.**

**Sharon Dorothy Camilleri**

Kaz Numru: 90/2012

Illum 14 ta' Mejju 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata **Sharon Dorothy Camilleri**, mart Jean-Pierre Camilleri, ta' tmienja u ghoxrin (28)

sena, bint Anthony u Mary neé Curmi, imwielda Rabat, Ghawdex, nhar is-27 ta' Marzu 1984, u toqghod 'Tranquillity', Triq in-Neolitici, Rabat, Ghawdex, u detentrici tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 18384(G), akkuzata talli nhar il-25 ta' Awwissu 2012, ghall-habta tas-sitta ta' filghodu (06:00a.m.), waqt li kienet qieghda ssuq vettura tal-ghamla Daihatsu Sirion, bin-numru tar-registrazzjoni SHA 273, fi Triq il-Kapuccini, Rabat, Ghawdex u jew fil-vicinanzi:

1. b'nuqqas ta' hsieb, jew bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni taghha, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti tat-traffiku tajret lil George Cassar u nvolontarjament ikkagunatlu offiza ta' natura gravi skont kif iccertifika Dr. M. Masini M.D. mill-Isptar Generali ta' Ghawdex;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi saqet vettura tal-ghamla Daihatsu Sirion, bin-numru tar-registrazzjoni SHA 273, b'manjiera traskurata, bla kont u perikoluz;

3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi wara li kienet involuta f'incident ta' traffiku li kien jinvolvi offiza fuq il-persuna ta' George Cassar, naqset li tieqaf bil-vettura tal-ghamla Daihatsu Sirion, bin-numru tar-registrazzjoni SHA 273 u telqet minn fuq il-post tal-incident (Regolament 67(1) tal-Legislazzjoni Sussidarja 65.11).

Il-Prosekuzzjoni talbet li l-imputata, f'kaz ta' htija, tigi skwalifikata milli tiehu jew ikollha l-ebda licenzija tas-sewqan ghall-perjodu li din il-Qorti jidhirlha li hu xieraq.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol.* 47) datata 29 ta' Lulju 2013 li permezz taghha baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

(a) Artikolu 226(1)(b) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku, Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Artikolu 67(1) tar-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur, Legislazzjoni Sussidjarja 65.11;
(d) Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-18 ta' Settembru 2013 (*a fol.* 49), gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-29 ta' Lulju 2013, f'liema seduta l-imputata ddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz taghha jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-kwerelant George Cassar, liema dikjarazzjoni giet ezebita u mmarkata bhala Dok. "DM 1" – *a fol.* 50) fejn inghad is-segwenti: *"niddikjara li jiena ma baqghali l-ebda interess fil-proceduri kriminali kontra Sharon Dorothy Camilleri a rigward l-incident li kont involut fih jien u dana peress li jiena thallast mis-socjeta' assikuratrici tal-istess Sharon Dorothy Camilleri u ma baqghali l-ebda pretensjoni a rigward l-istess Sharon Dorothy Camilleri fir-rigward tal-griehi minni sofferti"* (*a fol.* 50).

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri.

Semghet is-sottomisjonijiet finali *da parte* tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza (*a fol.* 58 *et seq.*).

**Ikkunsidrat**

Illi l-Qorti ser tibda billi taghmel riferenza ghax-xhieda u ghad-dokumenti saljenti li gew mismugha u prezentati tul il-mori tal-proceduri odjerni.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013, xehed **Dr. Marvic Masini** (*a fol.* 9 *et seq.*) rigward ic-certifikat rilaxxat minnu, liema certifikat gie mmarkat bhala Dok. "MM 1" (*a fol.* 11). Jghid li ezamina lil George Cassar fejn sab li kellu ksur fit-*tibia* u fil-*fibula* tax-xellug. Ikklassifika tali feriti bhala feriti ta' natura gravi *per durata.*

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **PS 644 Jason Xerri** (*a fol.* 18 *et seq.*) rigward ir-rapport redatt minnu li gie mmarkat bhala Dok. "JX 6" (*a fol.* 21). Jghid li mar fuq il-post tal-incident u sab lil George Cassar mixhut mal-art li kien jinsab madwar tmien metri l-fuq minn *zebra crossing*. Jixhed li wara xi hin marret l-imputata fuq il-post tal-incident u qaltlu li hi kienet involuta fl-incident tat-traffiku. Jghid li mar jara l-vettura li kienet involuta fl-incident li kellha hsarat estensivi fuq il-*windscreen* fuq in-naha ta' quddiem tal-vettura. Ezebixxa wkoll hames ritratti li ha hu stess dakinhar tal-incident, liema ritratti gew mmarkati bhala Dok. "JX 1" sa "JX 5" (*a fol.* 20).

In <u>kontro-ezami</u>, li sar fis-seduta tal-20 ta' Novembru 2013 (*a fol.* 52 *et seq.*) jghid li hadd mill-Pulizija ma ra l-incident isehh.

Mistoqsi jghid f'liema stat kienet l-imputata meta raha hu, ighid li raha tibki u li kienet ecitata hafna. Jixhed li l-verzjoni tal-imputata ttiehdet l-Ghassa xi hin wara.

Illi, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2013, xehed ukoll **Saviour Farrugia** (*Assistant Principal* – Dipartiment tal-Licenzji – *a fol.* 26 *et seq.*) fejn qal li vettura bin-numru ta' registrazzjoni SHA 273 ssejjah lil Jean Pierre Camilleri. Jghid ukoll li l-imputata ghandha licenzja tas-sewqan kategorija "B".

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata tinsab akkuzata b'numru ta' imputazzjonijiet li jirrigwardaw dak li gara fil-25 ta' Awwissu 2012 meta hija kienet qed issuq il-vettura bin-numru ta' registazzjoni SHA 273.

**L-Ewwel (1) Imputazzjoni**

**(Artikolu 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi l-parti leza George Cassar ma xehedx f'dawn il-proceduri. Giet ezebita rinunzja da parte tieghu fir-rigward tal-proceduri kriminali addebitati lill-imputata (Dok. "DM 1" – *a fol.* 50). Fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, il-Qorti tinnota li ghajr ghad-depozizzjoni ta' Dr. Marvic Masini (*a fol.* 9 *et seq.*) rigward ic-certifikat rilaxxat minnu (Dok. "MM 1" (*a fol.* 11)), ma jezistux aktar provi rigward din l-imputazzjoni. Apparti l-fatt li, kif diga nghad, il-parti leza George Cassar baqa' ma xehedx f'dawn il-proceduri, lanqas ma jirrizulta pruvat x'tip ta' griehi ezatt huwa sofra. Ghaldaqstant, l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata ma gietx sodisfacentement pruvata.

**It-Tieni (2) Imputazzjoni**

**(Artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi, fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, il-Qorti ghal darba ohra tinnota li l-parti leza ma xehedx f'dawn il-proceduri. Fir-rapport (Dok. "JX 6" – *a fol.* 21 *et seq.*) redatt minn PS 664 Jason Xerri jirrizulta li l-parti leza qal semplicement: *"Kont qed naqsam u tajritni karozza"* (*a fol.* 24).

Illi l-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Michael Grech** moghtija fl-20 ta' Frar 2007, fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> *"Kif gie ritenut minn din il-Qorti ripetutament u kif intqal fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija vs. Alfred Mifsud** deciz fis-6 ta' Mejju 1997 (Vol. LXXXI.iv.157), din il-Qorti diversament presjeduta qalet:*
>
> *Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola, il-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita` ta' sewqan ta' dak li jkun, jammonta wkoll ghal sewqan traskurat. Sewqan bla kont hu deskritt … bhala sewqan 'bi traskuragni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira u tinkludi l-kazijiet fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandux jiehu*

*minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista' tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji. Sewqan perikoluz (dangerous driving) jirrikjedi li fil-kaz partikolari s-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta` taghhom. Biex wiehed jiddeciedi jekk kienx hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin u l-lokalita` ta' l-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. [...]*

*U kif qalet din il-Qorti diversament presjeduta fl-Appell Kriminali* ***Il-Pulizija vs. Mario Gellel*** *deciz fid-19 ta' Frar 2004:*

*"... kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta, jekk sewqan hux (i) negligenti, jew (ii) bla kont jew (iii) perikoluz hi kwistjoni ta' 'degree' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Bartolo****, 14.3.59,* ***Pol. vs Wilson*** *[Vol. XXXIX iv. 1018] u* ***Pul. vs Alfred Vella*** *[Vol. XLIV, p. 933]) u kif jidhru wara xulxin huma fl-iskala tas-serjeta` taghhom (App. Krim.* ***Pul. vs Hardingham****, 19.10.1963). Gie wkoll ritenut li biex jintegra ruhu r-reat ta' sewqan perikoluz, hemm bzonn ta' certu grad ta' 'recklessness' (App. Krim.* ***Pul. vs Charles Farrugia*** *[Vol. XXXIX iv.9 78]). 'Recklessness' giet definita bhala 'wilfully shutting one's eye' (App. Krim.* ***Pul. vs Joseph Aquilina****, 20.4.1963). Invece sewqan negligenti jew traskurat ifisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali (App. Krim.* ***Pul. vs Antonio Spiteri*** *[Vol. XLIV iv. 892])".*

Illi, b'applikazzjoni ta' dan l-insenjament ghall-kaz in ezami, u tenut kont tal-fatt li l-parti leza lanqas xehed f'dawn il-

proceduri biex jispjega kif gara l-incident u l-mod li kienet qed issuq bih l-imputata, il-Qorti ma jirrizultalhiex li t-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata tista' tigi b'xi mod pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata minnha.

**It-Tielet (3) Imputazzjoni**

**(Regolament 67(1) tal-Legislazzjoni Sussidarja 65.11 tal-Ligijiet ta' Malta):**

Illi, fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputata, il-Qorti tinnota li din l-imputazzjoni temergi minn Regolament 67(1) tal-Regolamenti dwar il-Vetturi bil-Mutur (Legislazzjoni Sussidjarja 65.11), liema Regolament jiddisponi s-segwenti:

> "F'kull kaz, fejn minhabba vettura bil-mutur fi triq, jigri xi incident li jkun jinvolvi offiza fuq persuna ohra jew tigi kagunata hsara lil xi vettura, annimal jew proprjetà ohra, id-*driver* tal-vettura bil-mutur ghandu jieqaf u, jekk ikun mehtieg li jaghmel dan minn ufficjal tal-Pulizija, gwardjan lokali jew minn persuna, li jkollha raguni bizzejjed li titlob li jsir hekk, jaghti l-isem u l-indirizz tieghu, l-isem u l-indirizz tas-sid tal-vettura bil-mutur, id-dettalji ta' l-assiguratur tal-vettura kif ukoll il-marka jew numru tar-registrazzjoni tal-vettura".

Illi jirrizulta li l-imputata kellha xokk kbir fuqha. Di fatti, meta PS 664 Jason Xerri xehed in kontro-ezami huwa qal li ra lill-imputata tibki u jghid li kienet ecitata hafna. Apparti dan, jirrizulta li, minn jeddha, l-imputata marret ftit tal-hin wara fuq il-post tal-incident minghajr ma giet mgieghla mill-Pulizija u

jirrizulta wkoll li hi kkooperat mal-Pulizija tant li l-Pulizija marru d-dar tal-imputata fejn l-imputata wriet il-vettura taghha sabiex il-Pulizija setghu jaraw il-hsarat kagunati fuqha. Ghal dawn ir-ragunijiet, minkejja li l-ewwel istint tal-imputata kien li titlaq minn fuq il-post, xorta jibqa' l-fatt li hija marret ftit tal-hin wara u kkooperat mal-Pulizija. Wara li l-Qorti qieset dan u wara li qieset dak li jiddisponi Regolament 67(1) kwotat hawn fuq, il-Qorti ma hijiex tal-fehma li ghandha tinstab htija fl-imputata ghat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ebda wahda mill-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputata ma giet sodisfacentement pruvata u b'hekk l-imputata ser tigi liberata mill-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront taghha.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, ma ssibx lill-imputata Sharon Dorothy Camilleri hatja tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u b'hekk tilliberaha minnhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------